Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Numru 382/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Micallef)**

**Vs**

**PETER PAUL MIFSUD**

**Illum 27 ta' Mejju, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Peter Paul Mifsud 57 yrs, iben Emanuel u Carmela nee' Vella, imwieled ir-Rabat fit-8 ta' Jannar 1947 u li joqghod 5, Museum Esplanade, Rabat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 61947 (M) gie akkuzat:-

Talli bejn it- 18/01/00 u 2/3/02 fil-fond Peristyle Restaurant, Museum Esplanade, Rabat, bhala detenur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal izjed minn LM500 (LM2263.44.0) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2. Ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni uzati fil-provista tal-eletriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali markat bhala Dok MM3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li rega' gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li x-xhud Silvio Decelis fid-depozizzjoni tieghu moghtija fis-seduta ta' llum qal li dwar l-ammont ta' kurrent elettriku misruq dan jammonta ghal LM2263.44. Dan l-ammont ukoll ikopri l-ammont ta' hsara fil-meter tal-elettriku. L-istess xhud zied jghid li minn dan l-ammont l-imputat diga' hallas is-somma ta' LM1263.44. Fadal bilanc ta' LM1000 li dan ser jaghmilhom f'zewg pagamenti.

Inoltre innutat li l-ufficjal Prosekutur l-Ispettur Marthese Micallef iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 18, 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 264, 267, 270, 278 (3), 280 (2) u 326 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-Imputat Peter Paul Mifsud, fuq ammissjoni hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Imputat ikkopera mal-pulizija u dak li xehed Silvio Decelis fis-seduta ta' llum u li saret riferenza ghaliha iktar qabel f'din is-sentenza, kif ukoll il-fatt li l-Imputat kkopera mal-pulizija u wara li rat l-artikoli 28 A u 28 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-Imputat Peter Paul Mifsud ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-Imputat Peter Paul Mifsud jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-Imputat Peter Paul Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28 A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------